**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru : XIX**
**Appell Nru: 229/2000**

**Il-Pulizija (Spettur Denise Mula)**

**Vs**

**RODERICK GERADA**

**Illum, 14 ta'Frar, 2001.**

Il-Qorti :

Rat ic-citazzjoni li biha Roderick Gerada kien gie akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali talli fid-29 ta'Mejju, 2000, fi Triq Hal-Qormi, Hamrun, saq vettura numru tar-registrazzjoni DBB-764 (**1**)minghajr ma kienet licenzjata biex tintuza fit-triq, u (**2**) ghamel uzu minn din il-vettura minghajr ma kienet koperta b'polza tas-sigurta' dwar ir-riskju ta'terzi persuni.

Rat is-sentenza moghtija mill-imsemmija Qorti fis-17 ta'Ottubru, 2000, li biha sabet lill-Roderick Galea hati ta' dawn l-akkuzi w ikkundannatu Multa komplessiva ta' Lm250, u skwalifikatu minn kull licenzja tas-sewqan tieghu ghal perijodu ta' sena mid-data tas-sentenza taghha.

Rat ir-rikors t'appell ta'Roderick Gerada datat 27 ta'Ottubru, 2000, li bih talab li din il-Qorti tannulla w thassar s-sentenza appellata w tilliberah minn kull htija w piena, u, fin-nuqqas, tirriforma s-sentenza ghal wahda anqas oneruza w li ma jkunx hemm l-applikazzjoni ta' l-iskwalifika tas-sewqan.

Rat l-aggravju ta' l-appellant.

Semghet lix-xhieda, rat il-provi, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi kif dejjem gie ripetutament ritenut, meta persuna issuq vettura, aktar u aktar meta din ma tkunx taghha u li f'hafna kazijiet tkun qed issuqha in konnessjoni max-xoghol taghha, ir-responsabbilta' li jigi verifikat jekk dik il-vettura hiex regolarment licenzjatha biex tinstaq fit-triq taqa' unikament fuq dik

il-persuna. Mhux argument legalment validu li wiehed jghid li kien l-employer tieghu li tah dik il-vettura biex isuqha u ma setghax jghamel mod iehor.

Bizzejjed jigi mfakkar hawnhekk x'konsegwenzi dizastrusi jista' jkun hemm li kieku dik il-vettura tkun involuta f'xi incident serju tat-traffiku waqt li tkun qed tigi misjuqha minn xi hadd u meta ma tkunx regolarment licenzjata w koperta b'polza ta'assigurazzjoni sabiex tintuza fit-triq. Ghalhekk is-sewwieq jibqa' unikament dejjem responsabbli ghal dak kollu li jista' jinqala' waqt li dik il-vettura tkun qed tigi misjuqha minnu. Ghalhekk dejjem gie ritenut li s-sewwieq huwa unikament responsabbli li jara u jivverifika li l-vettura li tinghatalu sabiex isuq tkun wahda regolarment licenzjata w assigurata. Xejn ma jghin lill-appellant li jghid li fil-gurnata in kwistjoni ma kienx jaf li l-vettura li kien qed isuq in konnessjoni max-xoghol tieghu ma kienetx licenzjata biex tinstaq fit-triq u li ma kienetx koperta b'polza ta'sigurta'. Anzi tali dikjarazzjoni tieghu aktar tinkriminah.

Dan premess, ghalhekk, il-Qorti thoss li ma hemm assolutament xejn xi tbiddel mis-sentenza appellata kemm ghal dik li hija sejbien u dikjarazzjoni ta' htija kif ukoll fil-piena nflitta mill-ewwel Qorti.

Ghalhekk l-appell ta'Roderick Gerada qed jigi michud u s-sentenza appellata hija konfermata fl-intier taghha.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur